MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
TRIQ L-ASSEDJU L-KBIR, IL-FURJANA, MALTA

# Klabb Kitba Kreattiva

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ser torganizza attività oħra ta' **Klabb Kitba Kreattiva** għal tfal **mir-4 sena tal-primarja *(Year 4)* sat-2 sena tas-sekondarja *(Year 8)*** li jixtiequ jsaħħu l-ħiliet tagħhom tal-kitba. Dan il-klabb huwa mmirat l-aktar għal dawk it-tfal li jkunu temmew il-Programm ta' Litteriżmu għall-Familji Nwar.

L-għan tal-klabb hu li nħeġġu lit-tfal jiżviluppaw l-ħsibijiet tagħhom u jesprimuhom permezz tal-kitba. Il-ġenituri, kustodji jew nanniet jattendu għas-sessjonijiet flimkien mat-tfal sabiex jitħarrġu f'modi kif jistgħu jgħinu lil uliedhom jissaħħu fil-kitba kreattiva.

Fl-aħħar tal-klabb ikun hemm esebizzjoni u attività ta' ċelebrazzjoni. Kull min jattendi regolarment (80%) u jtemm il-klabb b'suċċess jingħata ċertifikat.

| | |
|---|---|
| **Post:** | **Iċ-Ċentru ta' Appoġġ fit-Tagħlim, 32, Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun (viċin l-Iskola tal-Mużika)** |
| **Jum:** | **It-Tlieta** |
| **Meta:** | **10 sessjonijiet → mit-22 ta' Novembru 2016 sas-7 ta' Frar 2017** |
| **Skeda:** | **Novembru: 22, 29 Diċembru: 6, 20 Jannar: 10, 17, 24, 31 Frar: 7, 14** |
| **Ħin:** | **Milt-4.00 sal-6.00 ta' filgħaxija** |
| **Ħlas:** | **€50 għal kull koppja** (ġenitur/kustodju u tifel/tifla) |

**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru 2016**. Jekk in-numru meħtieġ ta' parteċipanti ma jintlaħaqx il-klabb jista' ma jsirx. F'każ li l-Aġenzija tirċievi iktar applikazzjonijiet milli tista' taċċetta, l-applikazzjonijiet jintgħażlu skont min japplika l-ewwel. Il-ħlas għandu jsir permezz ta' ċekk indirizzat lill-**Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu** u jintbagħat flimkien mal-formola t'hawn taħt lis-

Sa. Suzanne Balzan
L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu
Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu
Triq Joseph Abela Scolaro
Il-Ħamrun HMR 1304.

**Għal aktar informazzjoni ċempel 2598 2994 jew 2598 2992.**

✂ - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - -

**Applikazzjoni Klabb Kitba Kreattiva: Novembru – Frar 2017**

| | | |
|---|---|---|
| Isem u kunjom it-tifel / tifla: | | |
| Data tat-twelid: | | Età: |
| Skola fejn j/tattendi: | Year / *Form:* | Ċentru ta' Nwar (jekk applikabbli): |
| Isem u kunjom il-ġenitur/kustodju jew nanna/u li ser j/tattendi l-klabb: | | |
| Indirizz: | | |
| Numru tat-tel. tad-dar: | Mobile: | Indirizz elettroniku: |

Dil-informazzjoni qed tingħabar u ser tintuża u tinħażen skont kif mitlub mill-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tagħrif tal-2001, l-Att dwar l-Edukazzjoni, leġislazzjonijiet oħra marbutin u r-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-Aġenzija.